MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

1 ta' Ottubru 2018

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL- KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

# Is-Sur Wayne Cassar – Breeze Express Ltd

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Il-konsumatur kien ħatar lill-kummerċjant u l-kumpanija tiegħu sabiex iġiblu kunsinna ta' prodotti tad-ditta IKEA minn Sqallija. Din il-merkanzija tħallset b'għadd ta' ċekkijiet u meta waslet Malta, il-konsumatur sab illi kwart tal-ordni kien nieqes. Minkejja li ġie imwiegħed diversi drabi mill-kummerċjant meta l-bqija tal-prodotti kienu ser jiġu konsenjati, dawn qatt ma waslu.

Wara Jannar 2018, il-konsumatur kien qal lill-bejjiegħ biex jiġbor flusu, iżda qatt ma saret laqgħa għal dan u xorta baqa' mingħajr l-oġġetti li kien fadal għalkemm kien ħallas il-prezz kollu. Minbarra hekk, meta l-konsumatur innifsu kkuntattja lill-Ikea, infurmawh li l-kunsinna kienet inġabret kollha.

It-Tribunal irrimarka li l-bejjiegħ la qatt ma issottometta risposta u lanqas qatt ma deher għas -seduta, minkejja li rriżulta li kien notifikat. Għaldaqstant kellu joqgħod fuq ix-xhieda tal-konsumatur li fiċ-ċirkostanzi iddikjara li kienu veritieri, anke għaliex kien hemm id-dokumenti meħtieġa li jagħtu prova ta' dan. Ikkonkluda illi l-bejjiegħ ma mexiex b'mod professjonali u naqas mill-obbligu tiegħu li jwassal il-konsumatur l-oġġetti mixtrija li tagħhom ħallas kollox minn qabel.

It-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumatur u ordna lill-bejjiegħ u l-kumpanija tiegħu jħallsu l-ammont ta' € 677.08 li tirrappreżenta l-merkanzija mhux konsenjata.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali(Affarijiet tal-Konsumatur)